V

*(Avviżi)*

ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33**

(2023/C 227/11)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

**"Languedoc"**

**PDO-FR-A0922-AM08**

**Data tal-komunikazzjoni: 31.3.2023**

## DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U RAĠUNIJIET GĦALIHA

### 1. Żoni u postijiet li fihom jitwettqu d-diversi operazzjonijiet

It-taqsima IV — Żoni u postijiet li fihom jitwettqu d-diversi operazzjonijiet — tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġiet emendata biex tiġi aġġornata l-lista tal-muniċipalitajiet li jiffurmaw iż-żona ġeografika u ż-żona fil-viċinanza immedjata:

— Fl-ewwel parti — Żona ġeografika — il-lista tal-muniċipalitajiet ġiet allinjata mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali ta' Jannar 2022 mingħajr ebda tibdil.

— Fit-tielet parti — Żona fil-viċinanza immedjata — il-lista tal-muniċipalitajiet ġiet allinjata mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali ta' Jannar 2022 mingħajr ebda tibdil.

Din l-emenda editorjali tippermetti li ssir referenza għaż-żona ġeografika b'rabta mal-verżjoni fis-seħħ fl-2022 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, ippubblikat mill-INSEE, u li d-demarkazzjoni taż-żona ġeografika tingħata ċertezza legali. Id-Dokument Uniku ġie ssupplimentat b'din ir-referenza fit-taqsima "Żona ġeografika" kif ukoll fit-taqsima "Żona fil-viċinanza immedjata".

Dan l-aġġornament tal-lista tal-muniċipalitajiet b'rabta mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2022 sar ukoll fit-taqsima VI. — Ġestjoni tal-vinja fil-punt (b) tal-ewwel parti Regoli dwar iż-żbir: il-lista tal-muniċipalitajiet fejn jinsabu d-dwieli b'denominazzjoni ġeografika addizzjonali ġiet aġġornata, mingħajr ebda tibdil, skont il-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali.

Dan l-aġġornament ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

2. **Żona tal-irqajja' demarkata tad-denominazzjoni ġeografika addizzjonali Saint Drézery**

It-taqsima IV — Żoni u postijiet li fihom jitwettqu d-diversi operazzjonijiet — tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġiet issupplimentata fil-parti "2 — Żona tal-irqajja' demarkata" — biex jiddaħlu l-muniċipalitajiet li jiffurmaw id-demarkazzjoni speċifika tal-irqajja' tad-denominazzjoni ġeografika addizzjonali Saint-Drézéry u approvata mill-awtorità kompetenti f'Ġunju 2022. L-inbejjed bid-denominazzjoni addizzjonali Saint Drézéry ġejjin minn għeneb minn irqajja' art li jinsabu fiż-żona tal-irqajja' tal-produzzjoni. Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

3. **Ġestjoni tal-vinja**

Fil-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott — "It-taqsima VI. — Ġestjoni tal-vinja — it-tieni parti — Prattiki oħra tal-kultivazzjoni", ir-regoli ġenerali huma ssupplimentati bid-dispożizzjonijiet agroambjentali li ġejjin:

"Meta jinħasdu, l-għenieqed fuq il-pjanta ma jkunux f'kuntatt ma' ebda pjanta oħra għajr id-dielja.

— Il-mulching tal-plastik huwa pprojbit.

— Sabiex jiġu ppreservati l-karatteristiċi tal-ambjent fiżiku u bijoloġiku, li huwa element fundamentali tat-territorju,

  — il-kontroll kimiku tal-ħaxix ħażin tal-promontorji huwa pprojbit

  — il-kontroll tal-veġetazzjoni, miżrugħa jew spontanja, huwa żgurat b'mezzi mekkaniċi jew fiżiċi fuq l-ispazju bejn il-flanni, bl-eċċezzjoni tad-dwieli li d-distanza bejn il-flanni tagħhom tkun ta' 1,8 m jew inqas.".

Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda ġew inklużi fil-punt "Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid" tad-Dokument Uniku.

4. **Miżura tranżitorja dwar id-demarkazzjoni tal-irqajja' tal-isem addizzjonali Saint Drézéry**

Fil-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjonijiet tal-Prodott — il-punt XI. — Miżuri tranżitorji — tlesta wara x-xogħlijiet fuq id-demarkazzjoni tal-irqajja' speċifika tal-isem addizzjonali tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Languedoc, Saint-Drézéry. L-ODG tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Languedoc talab li fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiżdied miżura tranżitorja li għandha l-għan li tippermetti sal-ħsad tal-2030 l-użu tal-isem addizzjonali Saint-Drézéry għall-inbejjed magħmulin minn għeneb maħsud fuq l-irqajja' taż-żona demarkata Languedoc fil-muniċipalità ta' Saint-Drézéry u li mhumiex inklużi fid-demarkazzjoni tal-irqajja' tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Languedoc — Saint-Drézéry AOC rikonoxxuta f'Ġunju 2021.

Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Languedoc

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP — Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. *Karatteristiċi analitiċi*

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed tad-denominazzjoni Languedoc huma nbejjed xotti u bla gass ħomor, rożè u bojod. — Il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum tal-inbejjed hija ta' 11,5 %. — L-inbejjed ħomor, bl-eċċezzjoni tal-inbejjed eliġibbli għat-termini "primeur" (bikri) jew "nouveau" (ġdid), lesti biex jiġu kkummerċjalizzati bl-ingrossa jew ippakkjati, ikollhom kontenut ta' aċidu maliku ta' mhux aktar minn 0,4 gramma għal kull litru. — L-inbejjed, lesti biex jiġu kkummerċjalizzati bl-ingrossa jew ippakkjati, ikollhom kontenut ta' zokkor fermentabbli (glukożju u fruttożju) li jikkorrispondi għall-valuri li ġejjin: Kontenut massimu ta' zokkor fermentabbli: — Inbejjed bojod, inbejjed rożè, inbejjed ħomor b'qawwa alkoħolika naturali skont il-volum ta' aktar minn 14 %: 4 g/l — Inbejjed ħomor b'qawwa alkoħolika naturali skont il-volum ta' mhux aktar minn 14 %: 3 g/l — Inbejjed bit-terminu "primeur" (bikri) jew "nouveau" (ġdid): 2 g/l — Inbejjed mhux ippakkjati bit-terminu "primeur" (bikri) jew "nouveau" (ġdid) għandhom kontenut ta' aċidità volatili ta' mhux aktar minn 10,2 meq/litru. — Il-kontenut ta' aċidità totali, l-aċidità volatili tal-inbejjed minbarra l-inbejjed bikrin, u l-kontenut ta' diossidu tal-kubrit totali huma dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea.

| Karatteristiċi analitiċi | |
|---|---|
| Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) | 13 |
| Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) | |
| Aċidità totali minima | |
| Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) | |
| Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) | |

2. *Karatteristiċi organolettiċi*

DESKRIZZJONI QASIRA

— L-inbejjed ħomor, li dejjem jiġu prodotti minn taħlita ta' bosta varjetajiet tad-dwieli, għandhom kulur ta' intensità medja sa skura, firxa ta' aromi li tvarja minn frott aħmar u iswed għal noti ta' ħwawar u tal-inkaljar u struttura qawwija b'tannini misjurin. Il-potenzjal tal-konservazzjoni tagħhom huwa ta' medja ta' bejn sentejn u ħames snin, ħlief għall-inbejjed "primeur" (bikrin) jew "nouveau" (ġodda) li jridu jiġu kkunsmati fix-xhur ta' wara l-produzzjoni tagħhom.

— L-inbejjed rożè huma prodotti minn taħlita ta' mill-inqas żewġ varjetajiet tad-dwieli, primarjament il-varjetajiet syrah N, cinsaut N u grenache N. Vinifikati minn tagħsir dirett, maċerazzjoni qasira jew skular, il-lewn tagħhom ileqq b'mod naturali. Għandhom kumplessità aromatika, u huma pjaċevoli u bbilanċjati fit-togħma.

— L-inbejjed bojod huma wkoll xotti. Dawn jiġu prodotti minn taħlita. Spiss ikollhom lewn ċar, bilanċ tipiku tal-Languedoc u aromi li jevokaw frott eżotiku, frott taċ-ċitru, fjuri bojod jew frott niexef.

| Karatteristiċi analitiċi | |
|---|---|
| Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) | |
| Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) | |
| Aċidità totali minima | |
| Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) | |
| Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) | |

## 5. Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid

### 5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

1. Prattika enoloġika speċifika

— Għall-produzzjoni tal-inbejjed rożè, l-użu tal-faħam għall-użu enoloġiku, waħdu jew f'taħlita fi preparazzjonijiet, huwa awtorizzat mill-produttur tal-inbid, esklussivament għall-most li joħroġ mill-pressa u għall-inbejjed li jkunu għadhom qed jiffermentaw, fi proporzjon li ma jistax jaqbeż l-20 % tal-volum tal-inbejjed rożè prodotti mill-produttur tal-inbid ikkonċernat għall-ħsad inkwistjoni, u f'doża ta' mhux aktar minn 30 g/hl għall-volum ipproċessat.

— Minbarra d-dispożizzjoni ta' hawn fuq, fir-rigward tal-prattiki enoloġiċi, l-inbejjed għandhom jirrispettaw l-obbligi stabbiliti fil-livell Ewropew u fil-Kodiċi Rurali.

2. Metodu ta' ġestjoni

Prattika tal-kultivazzjoni

Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 4 000 pjanta għal kull ettaru. Il-wisa' bejn il-flanni ma tistax taqbeż iż-2,50 metri.

Kull pjanta għandha erja massima ta' 2,50 metri kwadri. Din l-erja tinkiseb billi jiġu mmultiplikati d-distanzi bejn il-flanni u tal-ispazju bejn il-pjanti fl-istess flann.

Iż-żbir isir qabel l-istadju E, bi tliet weraq miftuħin fuq l-ewwel 2 għejun. Id-dwieli jinżabru qosra, fi friegħi, b'massimu ta' 12-il għajn għal kull pjanta; kull fergħa għandha massimu ta' 2 għejun;

— Il-varjetà tad-dwieli syrah N tista' tinżabar b'żabra Guyot sempliċi b'massimu ta' 10 għejun għal kull pjanta, li minnhom massimu ta' 6 għejun fuq iz-zokk it-twil u 1 jew 2 friegħi ta' sostituzzjoni b'massimu ta' 1 jew 2 għejun;

— Għall-varjetà tad-dwieli grenache N, il-pjanti li huma suġġetti li jitilfu ż-żahriet, jistgħu jinżabru b'zokk twil li jkollu massimu ta' 5 għejun.

L-irrigazzjoni tista' tiġi awtorizzata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu D. 645-5 tal-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu.

3. Metodu ta' ġestjoni

Prattika tal-kultivazzjoni

Fil-mument tal-ħsad, l-għenieqed fuq il-pjanta ma jkunux f'kuntatt ma' ebda pjanta oħra għajr id-dielja.

— Il-mulching tal-plastik huwa pprojbit.

— Sabiex jiġu ppreservati l-karatteristiċi tal-ambjent fiżiku u bijoloġiku, li huwa element fundamentali tat-territorju,

  — il-kontroll kimiku tal-ħaxix ħażin tal-promontorji huwa pprojbit

  — il-kontroll tal-veġetazzjoni, miżrugħa jew spontanja, huwa żgurat b'mezzi mekkaniċi jew fiżiċi fuq l-ispazju bejn il-flanni, bl-eċċezzjoni tad-dwieli li d-distanza bejn il-flanni tagħhom tkun ta' 1,8 m jew inqas.

### 5.2. *Rendimenti massimi*

1. Rendiment tal-inbejjed ħomor u rożè

   60 ettolitru għal kull ettaru

2. Rendiment tal-inbejjed bojod

   70 ettolitru għal kull ettaru

## 6. Definizzjoni taż-żona demarkata

a) Il-ħsad tal-għeneb, il-vinifikazzjoni u l-produzzjoni tal-inbejjed ħomor u rożè jsiru fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2022:

   — Id-département ta' Aude:

Aigues-Vives, Ajac, Albas, Alet-les-Bains, Alzonne, Antugnac, Aragon, Argeliers, Argens-Minervois, Armissan, Arquettes-en-Val, Azille, Badens, Bages, Bagnoles, Barbaira, Bizanet, Bize-Minervois, Blomac, Bouilhonnac, Bouriège, Boutenac, Cabrespine, Campagne-sur-Aude, Camplong-d'Aude, Canet, Capendu, Cascastel-des-Corbières, Cassaignes, Castelnau-d'Aude, Castelreng, Caunes-Minervois, Caunettes-en-Val, Caves, Cépie, Comigne, Conilhac-Corbières, Conques-sur-Orbiel, Couiza, Cournanel, Coustaussa, Coustouge, Cruscades, Cucugnan, Davejean, Dernacueillette, La Digne-d'Amont, La Digne-d'Aval, Douzens, Duilhac-sous-Pyerepertuse, Durban-Corbières, Embres-et-Castelmaure, Escales, Espéraza, Fabrezan, Felines-Termenès, Ferrals-les-Corbières, Festes-et-Saint-André, Feuilla, Fitou, Fleury, Floure, Fontcouverte, Fontiès-d'Aude, Fontjoncouse, Fournes-Cabardès, Fraisse-Cabardès, Fraissé-des-Corbières, Gaja-et-Villedieu, Gardie, Ginestas, Gruissan, Homps, Les Ilhes, Jonquières, Labastide-en-Val, Ladern-sur-Lauquet, Lagrasse, Laroque-de-Fa, Lastours, Laure-Minervois, Leucate, Lézignan-Corbières, Limousis, Limoux, Loupia, Luc-sur-Aude, Luc-sur-Orbieu, Magrie, Mailhac, Maisons, Malras, Malves-en-Minervois, Marseillette, Mayronnes, Mirepeisset, Montazels, Montbrun-des-Corbières, Montgaillard, Montirat, Montlaur, Montolieu, Montredon-des-Corbières, Montséret, Monze, Moussoulens, Moux, Narbonne, Névian, Port-la-Nouvelle, Ornaisons, Padern, Palairac, La Palme, Paraza, Pauligne, Paziols, Pennautier, Pépieux, Peyriac-de-Mer, Peyriac-Minervois, Peyrolles, Pezens, Pieusse, Pomas, Portel-des-Corbières, Pouzols-Minervois, Puichéric, Quintillan, La Redorte, Ribaute, Rieux-en-Val, Rieux-Minervois, Roquecourbe-Minervois, Roquefort-des-Corbières, Roquetaillade-et-Conilhac, Roubia, Rouffiac-d'Aude, Rouffiac-des-Corbières, Rustiques, Saint-André-de-Roquelongue, Saint-Couat-d'Aude, Saint-Couat-du-Razès, Sainte-Eulalie, Saint-Frichoux, Saint-Hilaire, Saint-Jean-de-Barrou, Saint-Laurent-de-la-Cabrerisse, Saint-Nazaire-d'Aude, Saint-Pierre-des-Champs, Saint-Polycarpe, Sainte-Valière, Sallèles-Cabardès, Salles-d'Aude, Salsigne, La Serpent, Serres, Serviès-en-Val, Sigean, Talairan, Taurize, Termes, Thézan-des-Corbières, Tournissan, Tourouzelle, Tourreilles, Trassanel, Trausse, Trèbes, Treilles, Tuchan, Val-de-Dagne, Val-du-Faby (pour la partie correspondant au territoire de la commune déléguée de Fa), Ventenac-Cabardès, Ventenac-en-Minervois, Vignevieille, Villalier, Villanière, Villardonnel, Villar-en-Val, Villar-Saint-Anselme, Villarzel-Cabardès, Villebazy, Villedubert, Villegailhenc, Villegly, Villelongue-d'Aude, Villemoustaussou, Villeneuve-les-Corbières, Villeneuve-Minervois, Villerouge-Termenès, Villesèque-des-Corbières, Villetritouls, Vinassan.

— Id-département ta' Gard:

Aspères, Aujargues, Brouzet-lès-Quissac, La Cadière-et-Cambo, Calvisson, Cannes-et-Clairan, Carnas, Combas, Conqueyrac, Corconne, Crespian, Fontanès, Gailhan, Junas, Langlade, Lecques, Liouc, Montmirat, Montpezat, Moulézan, Nages-et-Solorgues, Nîmes, Orthoux-Sérignac-Quilhan, Saint-Clément, Saint-Hippolyte-du-Fort, Saint-Mamert-du-Gard, Salinelles, Sardan, Sommières, Souvignargues, Vic-le-Fesq, Villevieille;

— Id-département ta' Hérault:

Adissan, Agel, Aigne, Aigues-Vives, Alignan-duVent, Aniane, Arboras, Argelliers, Aspiran, Assas, Assignan, Aumelas, Autignac, Azillanet, Babeau-Bouldoux, Bassan, Beaufort, Beaulieu, Berlou, Béziers, Boisseron, Le Bosc, Boujan-sur-Libron, Brignac, Brissac, Cabrerolles, Cabrières, Campagne, Canet, Cassagnoles, Castelnau-le-Lez, Castries, La Caunette, Causse-de-la-Selle, Causses-et-Veyran, Caussiniojouls, Caux, Cazedarnes, Cazevieille, Cazouls-lès-Béziers, Cébazan, Cessenon-sur-Orb, Cesseras, Ceyras, Claret, Clermont-l'Hérault, Combaillaux, Corneilhan, Cournonsec, Cournonterral, Creissan, Cruzy, Entre-Vignes, Faugères, Félines-Minervois, Ferrières-Poussarou, Fontanès, Fontès, Fos, Fouzilhon, Fozières, Gabian, Garrigues, Gignac, Guzargues, Jonquières, Juvignac, Lacoste, Lagamas, Laurens, Lauret, Lauroux, Lavalette, Lavérune, Liausson, Lieuran-Cabrières, La Livinière, Lodève, Lunel, Lunel-Viel, Magalas, Margon, Les Matelles, Mauguio, Mérifons, Minerve, Montagnac, Montarnaud, Montbazin, Montblanc, Montesquieu, Montouliers, Montoulieu, Montpellier, Montpeyroux, Moulès-et-Baucels, Mourèze, Murles, Murviel-lès-Béziers, Murviel-lès-Montpellier, Nébian, Neffiès, Nézignan-l'Évêque, Nissan-lez-Enserune, Nizas, Octon, Olmet-et-Villecun, Olonzac, Oupia, Paulhan, Pégairolles-de-Buèges, Pégairolles-de-l'Escalette, Péret, Pézenas, Pierrerue, Pignan, Plaissan, Poujols, Poussan, Pouzolles, Prades-le-Lez, Prades-sur-Vernazobre, Le Puech, Puéchabon, Puisserguier, Quarante, Restinclières, Roquebrun, Roquessels, Roujan, Saint-André-de-Buèges, Saint-André-de-Sangonis, Saint-Aunès, Saint-Bauzille-de-la-Sylve, Saint-Bauzille-de-Montmel, Saint-Chinian, Saint-Clément-de-Rivière, Sainte-Croix-de-Quintillargues, Saint-Drézéry, Saint-Félix-de-Lodez, Saint-Gély-du-Fesc, Saint-Geniès-des-Mourgues, Saint-Georges-d'Orques, Saint-Guiraud, Saint-Jean-de-Cuculles, Saint-Jean-de-la-Blaquière, Saint-Jean-de-Buèges, Saint-Jean-de-Fos, Saint-Jean-de-Minervois, Saint-Mathieu-de-Tréviers, Saint-Nazaire-de-Ladarez, Saint-Pargoire, Saint-Pons-de-Mauchiens, Saint-Privat, Saint-Saturnin-de-Lucian, Saint-Sériès, Saint-Thibéry, Saint-Vincent-de-Barbeyrargues, Saturargues, Sauteyrargues, Sauvian, Sérignan, Servian, Siran, Soubès, Soumont, Sussargues, Le Triadou, Usclas-du-Bosc, Vacquières, Vailhan, Vailhauquès, Valflaunès, Valmascle, Vendémian, Vendres, Vieussan, Villeneuve-lès-Maguelone, Villeneuvette, Villespassans, Villeveyrac.

— Id-département ta’ Pyrénées-Orientales:

Amélie-les-Bains-Palalda, Ansignan, Arboussols, Argelès-sur-Mer, Bages, Baho, Baixas, Banyuls-dels-Aspres, Banyuls-sur-Mer, Bélesta, Bouleternère, Le Boulou, Brouilla, Cabestany, Caixas, Calce, Camélas, Canet-en-Roussillon, Canohès, Caramany, Cases-de-Pène, Cassagnes, Castelnou, Caudiès-de-Fenouillèdes, Cerbère, Céret, Claira, Les Cluses, Collioure, Corbère, Corbère-les-Cabanes, Corneilla-la-Rivière, Corneilla-del-Vercol, Elne, Espira-de-l’Agly, Espira-de-Conflent, Estagel, Estoher, Feilluns, Finestret, Fosse, Fourques, Ille-sur-Têt, Joch, Lansac, Laroque-des-Albères, Latour-Bas-Elne, Latour-de-France, Lesquerde, Llauro, Llupia, Marquixanes, Maureillas-las-Illas, Maury, Millas, Montalba-le-Château, Montauriol, Montescot, Montesquieu-des-Albères, Montner, Néfiach, Oms, Opoul-Périllos, Ortaffa, Palau-del-Vidre, Passa, Perpignan, Peyrestortes, Pézilla-de-Conflent, Pézilla-la-Rivière, Pia, Planèzes, Pollestres, Ponteilla, Port-Vendres, Prats-de-Sournia, Prugnanes, Rasiguères, Reynès, Rigarda, Rivesaltes, Rodès, Saint-André, Saint-Arnac, Sainte-Colombe-de-la-Commanderie, Saint-Cyprien, Saint-Estève, Saint-Féliu-d’Amont, Saint-Féliu-d’Avall, Saint-Génis-des-Fontaines, Saint-Hippolyte, Saint-Jean-Lasseille, Saint-Jean-Pla-de-Corts, Saint-Martin-de-Fenouillet, Saint-Michel-de-Llotes, Saint-Nazaire, Saint-Paul-de-Fenouillet, Saleilles, Salses-le-Château, Le Soler, Sorède, Sournia, Taillet, Tarerach, Tautavel, Terrats, Thuir, Tordères, Toulouges, Tresserre, Trévillach, Trilla, Trouillas, Villelongue-dels-Monts, Villemolaque, Villeneuve-de-la-Raho, Villeneuve-la-Rivière, Vinça, Vingrau, Vivès, Le Vivier.

b) Il-ħsad tal-għeneb, il-vinifikazzjoni u l-produzzjoni tal-inbejjed bojod isiru fit-territorju tal-muniċipalitajiet msemmija għall-ħsad tal-għeneb, għall-vinifikazzjoni u għall-produzzjoni tal-inbejjed ħomor u rożè, kif ukoll fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-département ta’ Hérault: Castelnau-de-Guers, Florensac, Mèze, Pinet, Pomerols.

## 7. Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed

Bourboulenc B — Doucillon blanc

Clairette B

Grenache N

Grenache blanc B

Lledoner pelut N

Marsanne B

Mourvèdre N — Monastrell

Piquepoul blanc B

Roussanne B

Syrah N — Shiraz

Tourbat B

Vermentino B — Rolle

## 8. Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet

Fl-istorja tal-vitikultura fil-Languedoc, il-kultivazzjoni tad-dielja fuq l-inlinazzjonijiet tal-għoljiet b’ħamrija niexfa u ġeblija ilha fattur permanenti mit-tħawwil tagħha.

L-imprevedibbiltajiet storiċi u l-influwenza tal-monasteri u tal-abbaziji, il-piżijiet ekonomiċi ta’ vinja mħawla fuq l-għoljiet, u l-iżvilupp tal-gruppi ta’ nies fiż-żona rawmu d-diversità u l-iżvilupp tal-prodotti mill-epoka Rumana, u maż-żmien, il-produzzjoni ta’ nbejjed ħelwin, inbejjed li jgħaddu minn mutazzjoni, inbejjed xotti, ħomor u bojod, jew il-produzzjoni ta’ għeneb tal-mejda, li kollha jeħtieġu maturazzjoni tajba.

Għaldaqstant, tul ġenerazzjonijiet sħaħ, fuq dawn l-għoljiet, ġiet identifikata firxa sħiħa ta’ siti partikolari magħrufa għall-kwalità u għall-oriġinalità tal-produzzjoni tagħhom.

Minn Collioure sal-bibien ta’ Nîmes, l-għoljiet xemxin ilhom ikabbru d-dwieli għal aktar minn 2 000 sena u hemm ħafna xhieda dwar il-kwalità u l-identità tal-inbejjed.

Matul l-istorja tagħhom, l-inbejjed prodotti minn dawn l-għoljiet kisbu reputazzjoni ta' spiss mibnija bis-saħħa tal-abbaziji (Caunes-Minervois, Valmagne, Lagrasse, Fontfroide…). "Għaldaqstant Saint-Saturnin, Cabrières joriġinaw minn sħab ta' Saint-Benoît-d'Aniane. Mis-seklu XIV, Montpeyroux kienet proprjetà u residenza tal-isqfijiet ta' Montpellier li pproduċew inbejjed magħrufin minnha. L-istess jgħodd għal Saint-Aignan (Saint-Chinian), kif kiteb Jean Clavel fil-ktieb tiegħu "Histoire et avenir des vins en Languedoc" (L-istorja u l-futur tal-inbejjed fil-Languedoc) (Edizzjoni Privat, 1985).

Fl-1788, f'rapport lir-re, l-isteward Ballainvillers jgħid hekk: "Dan jikkonċerna l-inbejjed kollha bid-denominazzjoni, li taħt l-isem ġeneriku tal-inbejjed ta' Narbonne, bir-raġun kienu apprezzati ħafna barra l-provinċja u r-renju, dawn l-inbejjed kienu l-aktar l-inbejjed ta' Lapalme, Leucate, Fitou...".

Fl-1816, A. Jullien f'"Topographie de tous les vignobles connus" (It-topografija tal-vinji kollha magħrufa) josserva l-ispeċifiċità tal-inbejjed b'rabta mal-oriġini tagħhom u jsemmi l-vinji li jinsabu fit-Tramuntana ta' Têt sa Espira-de-l'Agly u Rivesaltes kif ukoll l-inbejjed cru, ta' Saint-Christol, Saint-Georges d'Orques jew Saint-Drézéry: "l-inbejjed għandhom togħma pjaċevoli u friska, korpożità u palat spirituż u wara li jitqaddmu għal ħames jew sitt snin, isiru nbejjed distinti...".

Sabiex tinkiseb din l-ispeċifiċità tal-inbejjed marbuta mal-oriġini tagħhom, iż-żona tal-irqajja' demarkata għall-ħsad tal-għeneb tikklassifika l-irqajja' li fihom il-ħamrija, mingħajr restrizzjonijiet biex jaqbdu l-għeruq, li kapaċi jiżguraw it-tisqija moderata u regolari tal-pjanta sabiex tirreżisti s-sjuf sħan u nexfin. Hija tikklassifika l-irqajja' mtarrġin bejn ma' xatt il-baħar u 400 metru ta' altitudni b'espożizzjoni vantaġġjuża.

Hi tiffavorixxi l-irqajja' li jinsabu fuq ix-xaqlibiet tal-għoljiet, viċin il-baħar, jew fuq l-għoljiet l-aktar weqfin taż-żona ta' qabel il-muntanji, kultant imqassmin f'artijiet imtarrġa.

L-erja ta' din iż-żona demarkata b'mod preċiż jirrappreżenta inqas minn terz tal-erja totali tal-vinja tar-reġjun, u l-produzzjoni li hija assoċjata magħha, inqas minn 15 % tal-volumi reġjonali prodotti.

Il-kundizzjonijiet klimatiċi u n-natura tal-ħamrija kkundizzjonaw l-għażla tal-varjetajiet u l-post tat-tħawwil tagħhom. Għandhom ċiklu veġetattiv pjuttost twil, biżżejjed reżistenza għan-nixfa u għas-sħana u jottimizzaw għadd elevat ta' temperaturi. Il-kontroll tal-produzzjoni, tradott bid-definizzjoni ta' rendimenti moderati, jiżgura maturazzjoni tajba tal-vendemmja qabel ix-xita tal-ħarifa, u l-irjieħ jikkontribwixxu biex jippreżervaw il-kwalità sanitarja tal-għeneb.

Minħabba l-klima Mediterranja partikolari, sħuna u niexfa, l-inbejjed ħomor għandhom tannini misjurin filwaqt li l-inbejjed rożè u bojod għandhom ir-rotondità karatteristika.

It-tiġdid meħtieġ f'parti kbira tal-vinja mħawla fuq l-għoljiet, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, saħħaħ il-marka tal-varjetajiet tad-dwieli tradizzjonali. B'dan it-tiġdid tnieda approċċ kollettiv ibbażat fuq ir-rikostruzzjoni tal-vitikultura storika, bl-assoċjazzjoni tal-kooperattivi tal-kantini tal-inbid u l-azjendi indipendenti magħqudin f'trade unions.

L-introduzzjoni tal-mekkanizzazzjoni u l-iżvilupp tal-kultivazzjoni ta' varjetà tad-dwieli b'fergħat twal, bħall-varjetà syrah N, li bilfors trid tkun fuq kannizzata, żviluppaw il-prattiki tal-kultivazzjoni. L-irqajja' tal-vinji li qabel kienu mħawla fi kwadru u mhux fuq kannizzati ġew ta' spiss sostitwiti minn irqajja' bi spazju bejn il-flanni li ma jaqbiżx iż-2,50 metri, b'densità minima tat-taħwil ta' 4 000 pjanta għal kull ettaru. Madankollu nżamm il-metodu taż-żbir, essenzjalment bi friegħi qosra u li jrid ikollhom, f'kull każ, għadd limitat ta' għejun għal kull pjanta.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

*Tikkettar*

Qafas ġuridiku:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

— L-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Languedoc jista' jiġi ssupplimentat bit-terminu "primeur" (bikri) jew "nouveau" (ġdid) li huma ppreżentati bl-indikazzjoni tal-annata.

— L-inbejjed tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Languedoc issupplimentati jew le bl-ismijiet ġeografiċi addizzjonali Cabrières, Grés de Montpellier, La Méjanelle, Montpeyroux, Pézenas, Quatourze, Saint-Christol, Saint-Drézéry, Saint-Georges-d'Orques, Saint-Saturnin, Sommières, u li huma ppreżentati taħt id-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata msemmija, ma jistgħux jiġu ddikjarati wara l-ħsad, offerti lill-pubbliku, mibgħuta, jitqiegħdu għall-bejgħ jew mibjugħa mingħajr ma jkun hemm miktuba, fid-dokumenti ta' akkumpanjament, fid-dikjarazzjoni tal-istokk, fl-avviżi, fuq il-prospetti, it-tikketti, il-fatturi, l-irċevuti jkunu xi jkunu, id-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata msemmija hawn fuq, issupplimentata fejn meħtieġ bl-ismijiet ġeografiċi addizzjonali.

*Żona fil-viċinanza immedjata*

Qafas ġuridiku:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-vinifikazzjoni u għall-produzzjoni tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2022:

— Id-département ta' Aude: Alaigne, Arques, Arzens, Auriac, Belcastel-et-Buc, Berriac, La Bezole, Bourigeole, Bram, Brousses-et-Villaret, Brugairolles, Bugarach, Camps-sur-l'Agly, Carcassonne, Castans, Caudebronde, Caunette-sur-Lauquet, Caux-et-Sauzens, Citou, Clermont-sur-Lauquet, Couffoulens, Coursan, Courtauly, Cubières-sur-Cinoble, Cuxac-Cabardès, Cuxac-d'Aude, Donazac, Fajac-en-Val, Fontiers-Cabardès, Granès, Greffeil, Labastide-Esparbairenque, Lairière, Lauraguel, Lespinassière, Leuc, Malviès, Marcorignan, Mas-Cabardès, Mas-des-Cours, Massac, Miraval-Cabardès, Missègre, Montclar, Monthaut, Montjardin, Montjoi, Montréal, Moussan, Mouthoumet, Ouveillan, Palaja, Pomy, Pradelles-Cabardès, Preixan, Puilaurens, Puivert, Quillan, Raissac-d'Aude, Raissac-sur-Lampy, Rennes-le-Château, Rennes-les-Bains, Roquefère, Routier, Saint-Benoît, Saint-Denis, Saint-Ferriol, Saint-Jean-de-Paracol, Saint-Louis-et-Parahou, Saint-Marcel-sur-Aude, Saint-Martin-des-Puits, Saint-Martin-de-Villereglan, Saint-Martin-le-Vieil, Saissac, Sallèles-d'Aude, Salza, Soulatgé, Terroles, Val du Faby (pour la partie correspondant au territoire de la commune déléguée de Rouvenac), Valmigère, Véraza, Verzeille, Villarzel-du-Razès, Villedaigne, Villefloure, Villefort, Villesèquelande.

— Id-département ta' Gard: Aigremont, Aigues-Mortes, Aigues-Vives, Aimargues, Aubais, Bernis, Boissières, Bouillargues, Bragassargues, Caissargues, La Calmette, Caveirac, Clarensac, Congénies, Cros, Dions, Domessargues, Durfort-et-Saint-Martin-de-Sossenac, Fons, Gajan, Gallargues-le-Montueux, Générac, Marguerittes, Milhaud, Monoblet, Montagnac, Mus, Parignargues, Pompignan, Poulx, Puechredon, Quissac, Rodilhan, Rogues, La Rouvière, Sainte-Anastasie, Saint-Côme-et-Maruéjols, Saint-Dionisy, Saint-Gilles, Saint-Roman-de-Codières, Saint-Théodorit, Sauve, Sumène, Uchaud, Vergèze.

*Għajnuna fil-viċinanza immedjata (tkomplija)*

Qafas ġuridiku:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-vinifikazzjoni u għall-produzzjoni tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2022:

— Id-département ta' Aude: Alaigne, Arques, Arzens, Auriac, Belcastel-et-Buc, Berriac, La Bezole, Bourigeole, Bram, Brousses-et-Villaret, Brugairolles, Bugarach, Camps-sur-l'Agly, Carcassonne, Castans, Caudebronde, Caunette-sur-Lauquet, Caux-et-Sauzens, Citou, Clermont-sur-Lauquet, Couffoulens, Coursan, Courtauly, Cubières-sur-Cinoble, Cuxac-Cabardès, Cuxac-d'Aude, Donazac, Fajac-en-Val, Fontiers-Cabardès, Granès, Greffeil, Labastide-Esparbairenque, Lairière, Lauraguel, Lespinassière, Leuc, Malviès, Marcorignan, Mas-Cabardès, Mas-des-Cours, Massac, Miraval-Cabardès, Missègre, Montclar, Monthaut, Montjardin, Montjoi, Montréal, Moussan, Mouthoumet, Ouveillan, Palaja, Pomy, Pradelles-Cabardès, Preixan, Puilaurens, Puivert, Quillan, Raissac-d'Aude, Raissac-sur-Lampy, Rennes-le-Château, Rennes-les-Bains, Roquefère, Routier, Saint-Benoît, Saint-Denis, Saint-Ferriol, Saint-Jean-de-Paracol, Saint-Louis-et-Parahou, Saint-Marcel-sur-Aude, Saint-Martin-des-Puits, Saint-Martin-de-Villereglan, Saint-Martin-le-Vieil, Saissac, Sallèles-d'Aude, Salza, Soulatgé, Terroles, Val du Faby (pour la partie correspondant au territoire de la commune déléguée de Rouvenac), Valmigère, Véraza, Verzeille, Villarzel-du-Razès, Villedaigne, Villefloure, Villefort, Villesèquelande.

— Id-département ta' Gard: Aigremont, Aigues-Mortes, Aigues-Vives, Aimargues, Aubais, Bernis, Boissières, Bouillargues, Bragassargues, Caissargues, La Calmette, Caveirac, Clarensac, Congénies, Cros, Dions, Domessargues, Durfort-et-Saint-Martin-de-Sossenac, Fons, Gajan, Gallargues-le-Montueux, Générac, Marguerittes, Milhaud, Monoblet, Montagnac, Mus, Parignargues, Pompignan, Poulx, Puechredon, Quissac, Rodilhan, Rogues, La Rouvière, Sainte-Anastasie, Saint-Côme-et-Maruéjols, Saint-Dionisy, Saint-Gilles, Saint-Roman-de-Codières, Saint-Théodorit, Sauve, Sumène, Uchaud, Vergèze.

— Id-département ta' Hérault: Abeilhan, Agde, Agonès, Les Aires, Aumes, Baillargues, Balaruc-le-Vieux, Bédarieux, Bélarga, Bessan, Boisset, La Boissière, Bouzigues, Brenas, Buzignargues, Campagnan, Candillargues, Capestang, Cazilhac, Cazouls-d'Hérault, Celles, Cers, Clapiers, Colombiers, Coulobres, Le Crès, Le Cros, Dio-et-Valquières, Espondeilhan, Fabrègues, Ferrals-les-Montagnes, Ferrières-les-Verreries, Frontignan, Galargues, Ganges, Gigean, Gorniès, Grabels, La Grande-Motte, Hérépian, Jacou, Lansargues, Laroque, Lattes, Lespignan, Lézignan-la-Cèbe, Lieuran-lès-Béziers, Lignan-sur-Orb, Loupian, Lunas, Maraussan, Marseillan, Marsillargues, Mas-de-Londres, Maureilhan, Mireval, Mons, Montady, Montaud, Montels, Montferrier-sur-Lez, Mudaison, Notre-Dame-de-Londres, Olargues, Pailhès, Palavas-les-Flots,

*Żona fil-viċinanza immedjata (tkomplija)*

Qafas ġuridiku:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

— Tkomplija tad-département ta' Hérault: Pardailhan, Pérols, Pézènes-les-Mines, Les Plans, Poilhes, Popian, Portiragnes, Le Pouget, Pouzols, Puilacher, Puimisson, Puissalicon, Rieussec, Riols, Les Rives, Romiguières, Roqueredonde, Rouet, Saint-Bauzille-de-Putois, Saint-Brès, Saint-Étienne-d'Albagnan, Saint-Étienne-de-Gourgas, Saint-Félix-de-l'Héras, Saint-Geniès-de-Fontedit, Saint-Guilhem-le-Désert, Saint-Hilaire-de-Beauvoir, Saint-Jean-de-Cornies, Saint-Jean-de-Védas, Saint-Just, Saint-Martin-de-Londres, Saint-Maurice-Navacelles, Saint-Michel, Saint-Nazaire-de-Pézan, Saint-Paul-et-Valmalle, Saint-Pierre-de-la-Fage, Saint-Pons-de-Thomières, Salasc, Saussan, Saussines, Sète, Teyran, Thézan-lès-Béziers, Tourbes, Tressan, Usclas-d'Hérault, La Vacquerie-et-Saint-Martin-de-Castries, Valergues, Valras-Plage, Valros, Vélieux, Vendargues, Vias, Vic-la-Gardiole, Villeneuve-lès-Béziers, Villetelle, Viols-en-Laval, Viols-le-Fort.

— Id-département ta' Pyrénées-Orientales: L'Albère, Alénya, Arles-sur-Tech, Baillestavy, Le Barcarès, Bompas, Boule-d'Amont, Calmeilles, Campoussy, Casefabre, Eus, Fenouillet, Glorianes, Los Masos, Molitg-les-Bains, Montbolo, Mosset, Le Perthus, Prunet-et-Belpuig, Rabouillet, Saint-Laurent-de-Cerdans, Saint-Laurent-de-la-Salanque, Sainte-Marie-la-Mer, Saint-Marsal, Taurinya, Théza, Torreilles, Valmanya, Villelongue-de-la-Salanque, Vira.

**Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-8ef49dd4-fc13-4e4b-bec0-611b3003b9c1